KLR 1/VII/2013

Minuti tal-ewwel laqgħa tas-seba' Kunsill Lokali tar-Rabat, Citta' Victoria, Għawdex. Din inżammet fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar it-Tlieta 2 ta'April 2013 fis-18.00.

PREŻENTI: Av.Samuel Azzopardi, Joseph Debrincat, Josef Schembri, Maria Portelli, Michel Buttiġieġ, Anthony Briffa u Marċel Tabone u s-Segretarju Eżekuttiv Miriam Attard.

Joe Debrincat ppresieda l-laqgħa peress li hu l-akbar kunsillier.

Intqalet it-talba.

**1. Aċċettazzjoni tal-kariga ta' Sindku**

L-Av. Samuel Azzopardi ġab l-akbar ammont ta' voti u s-Segretarju Eżekuttiv staqsietu jekk jaċċettax il-kariga ta' Sindku. Dan aċċetta u ffirma d-dokument meħtieġ.

Hu awgura lil kull minn ġie elett u rringrazja lil Dr. Michael Portelli u Carmel Theuma li kienu kunsilliera fil-Kunsill preċedenti. Is-Sindku ssuġġerixxa li tintbagħtilhom ittra ta' ringrazjament u l-membri qablu. Dwar id-dekasteri tal-kunsilliera, is-Sindku qal li fil-laqgħa li jmiss il-Kunsill għandu jiddeċiedi fuq l-*area* li kull membru għandu jkun inkarigat minnha. Hu awgura li l-membri f'dan il-Kunsill jimxu tajjeb ma xulxin kif sar fil-Kunsill preċedenti. Il-Kunsill preċedenti għamel sagrifiċji kbar minħabba restrizzjonijiet finanzjari li ammontaw matul is-snin.

Is-Sindku ta dettalji rigward il-proġetti li qed isiru jew li waslu fil-fażi li jinbdew. Dwar il-*playing field*, l-appell li sar minn Gatt Tarmac Ltd. intilef u issa qed tiġi aġġudikata l-offerta ta' *contracts manager* ta' dan il-proġett. L-offerti tal-kostruzzjoni u tad-dwal ġew assenjati. Li baqa' hu li tinħareġ l-*expression of interest* li tirrgwardja l-*playing field equipment*.

Dwar il-proġett tal-*Heritage Trail*, il-membri ġew mgħarrfa li l-Kunsill irċieva mill-MEPA rigward dettalji li ntalbu qabel jinħareġ il-permess (PA/020141/10). Fosthom hemm li s-siġar ta' Pjazza Indipendenza ma jistgħux jiġu *uprooted* peress li dawk li se jsiru minflokhom mhux se jikkonpensaw għal dawk eżistenti. Dan minħabba li n-*National Environment Policy* tippromwovi s-siġar f'postijiet urbani u tqishom bħala komponenti mportanti fil-kwalita u l-biodiversita ta' ċentri urbani. Is-suġġeriment tal-MEPA hu li s-siġar eżistenti ma jitneħħewx u minflok jinżabbru. Il-membri qablu li sadanittant tiġi sottomessa applikazzjoni apparti mal-MEPA għall-*uprooting* tas-siġar ta' Pjazza Indipendenza.

Il-kunsillier Debrincat ppropona li ssir laqgħa mal-Minstru għal Għawdex Dr. Anton Refalo li fost oħrajn il-Kunsill jispjegalu wkoll d-dettalji ta' dan il-proġett. Il-membri qablu ma dan u qablu wkoll li l-Kunsill għandu jibgħat l-awguri kemm lil Ministru għal Għawdex u kemm lis-Segretarju Parlamentari għall-Kultura u l-Gvern Lokali Dr. Jose' Herrera.

**2. Aċċettazzjoni tal-kariga ta' Viċi Sindku**

Josef Schembri li ġab it-tieni l-akbar ammont ta' voti mill-partit li ġab il-maġġoranza ġie mistoqsi mis-Segretarju Eżekuttiv jekk jaċċettax il-kariga ta' Viċi Sindku. Dan aċċetta u ffirma d-dokument meħtieġ.

**3. Ftuħ ta' offerti – *Service Tender for Project Technical Consultancy for the setting up of an Integrated Cultural, Arhcaelogical and Historical Trial*.**

Infetħu l-offerti li ntefgħu għal dan is-servizz. Dawn skond dokument A anness.

**4. Ħruġ tat-tieni offerta – *Service Tender for Project Administrator for the setting up of an Integrated Cultural, Arhcaelogical and Historical Trial*.**

Il-membri qablu li billi l-ewwel offerta li nħarġet għal dan is-servizz ma ntefgħet minn ħadd għandha terġa tinħareġ. It-tibdil li għandu jsir hu li l-esperjenza fil-immaniġjar ta' proġetti relatati ma l-UE u esperjenza fl-immaniġjar ta'proġetti publiċi għandhom jitqiesu bħala vantaġġ. Fid-dokument tal-offerta għandu jiżdied li l-persuna mgħażula biex toffri dan is-servizz għandha tattendi *training* li jkun offrut speċifikament għal dawn il-proġetti.

**5. Appuntar tal-membri tal-bord ta'aġġudikazzjoni għall-offerta – *Supply and Delivery of light fittings for the setting up of an Integrated Cultural, Arhcaelogical and Historical Trial*.**

Il-membri qablu li l-bord għandu jkun iffurmat hekk:- Nancy Grech *Chairperson* u l-Enġiniera Ruben Curmi, Vincent Rapa u Anthony Attard. Dan dejjem jekk huma jaċċettaw. Flimkien ma dawn ikun hemm is-Segretarju Eżekuttiv.

**6. *Victoria Playing Field***

Is-Sindku kompla jgħati dettalji rigward il-proġett tal-*playing field*. Maġenb il-parti li ġiet devoluta lill-S.K. Victoria Wanderers hemm parti li hi devoluta lill-Kunsill. Il-membri qablu li l-Kunsill jissottometti applikazzjoni mal-MEPA biex issir sala li tkun tintuża bħala *Youth Lounge*. Sar ukoll qbil li jinbeda x-xogħol preparatorju sabiex isir *fence* adekwat madwar dan il-*playing field*.

**7. Jum il-Belt Victoria**

Is-Sindku ssuġġerixxa li Ġieħ ir-Rabat din is-sena jingħata li:-

i) Robert Tabone li kien Sindku fil-ħames leġislatura;

ii) Arċiprieti preċedenti tal-Parroċċa tal-Katidral Mons. Joe Vella Gauci u tal-Parroċċa ta' San Ġorġ Mons.Ġużeppi Farruġia;
iii) lill-Patri Franġiskan Eġidio Mizzi li għamel traduzzjoni tal-Bibbja għall-lingwa Maltija. Ta' dan ingħata wkoll Ġieħ ir-Repubblika; u
iv) lill-missjunarji Dun Jimmy Xerri u Suor. Skolastika Grech.

Il-membri unanimament qablu ma dan. Qablu wkoll li ssir serata apposta sabiex jingħata dan il-Ġieħ u din tkun bil-parteċipazzjoni ta' Rosabelle Pavia.

Is-Sindku ssuġġerixxa li l-Kunsill jerġa'jagħmel kunċert bl-Orkestra Filarmonika Nazzjoniali nhar l- 10 ta' Ġunju. Wara diskussjoni qasira l-membri qablu li s-surmast għandu jkun Mro. Colin Attard u s-sena ta'wara jkun Mro Joseph Vella.

F' *email* datata 30 ta' Diċembru 2012, li bagħat s-Segretarju tal-Banda Ċittadina La Stella kien talab li l-kunċert mill-Banda La Stella fl-okkażjoni ta' Jum il-Belt Victoria għandu jkun is-Sibt 8 ta' Ġunju 2013. F'ittra datata 15 ta' Frar 2013 is-Segretarju Amministrattiv tal-Banda Ċittadina Leone talab li s-sitt edizjoni ta' 'Leone Goes Pop' issir ukoll fit-8 ta' Ġunju. Il-membri qablu li billi l-Banda Ċittadina La Stella talbet qabel, il-kunċert fit-8 ta'Ġunju 2013 għandu jsir mill-Banda La Stella.

**8. Tkomplija tar-rinovament tal-Banca Giuratale – Uffiċċju *Customer Care* – Aperturi u għamara li fadal, ftuħ bieb addizzjonali.**

Il-membri qablu li tinħareġ offerta għall-aperturi li jridu jsiru u ukoll għall-*partition* li jrid isir fis-sala ta' fuq. Għandu wkoll jinfetaħ bieb li kien eżistenti fis-sular ta'isfel tal-Banca li jiġi maġenb dak tal-uffiċċju tal-*Customer Care*. Il-boxla tal-ħġieġ li għandha ssir fl-uffiċċju tal-*customer care* u l-*air conditioners* (għal dawn il-Kunsill preċedenti kien talab għall-stimi) ġew ordnati.

**9. *Smartphone Application* Kunsill**

Il-membri qablu li jinbeda l-porċess ta' din l-applikazzjoni.

**10. Korrispondenza**

Tressqet Korrispondenza mingħand:-

10.1 Transport Malta (TM) fejn inħareġ il-permess għall-:-
10.1.1 1.5 *metre double yellow line* quddiem 12, Triq Librerija;
10.1.1.1 *one metre double yellow line* quddiem naħħa waħda tal-garaxx ta' Raymond Grech, 93/95, Triq Sant' Orsola;
10.1.2 *un/loading bay* fi Pjazza San Franġisk qrib il-bidu ta' Triq Palma;
10.1.3 1.5 *metre keep clear* quddiem id-dar ta' Geroge Camilleri, 15, Triq Forn il-Ġir. Dan inħareġ għal-sena;

10.1.4 it-TM ma ħarġitx permess għat-talba ta' *reserved parking bays* quddiem 'William Vet Surgery' fi Triq Papa Ġwanni Pawlu II;

10.1.5 TM bgħatet applikazzjoni għall-parkeġġ riservat għall-persuni b'diżabilita' quddiem Maria Caruana ta' 'Capital Heights', Apart 31, Triq George Borġ Olivier. Għandha timtela l-applikazzjoni bid-dettalji;

10.2 Dr. Robert G. Xuereb rigward *double yellow line* biswit il-garaxx tiegħu fi Triq Pompei. Il-Kunsill kien talbu jġib il-kunsens ta' sid il-propjeta' li quddiemha Dr. Xuereb qed jissuġġerixix li jsiru d-*double yellow lines*. Fl-ittra tiegħu Dr. Xuereb qal li t-triq hi pubblika u taqa' fil-kompetenza tal-Kunsill. Il-Kunsill għandu jirrispondi li din hi proċedura u l-Kunsill qed jimxi mal-linji gwida;

10.3 il-*Gozo University Group* (GUG) fejn talbu l-kollaborazzjoni tal-Kunsill sabiex tiġi sottomessa applikazzjoni taħt is-sejħa ta' Miżura 413.6: *Festivals and Events* mnehdija mill-*Gozo Action Group*. Il-proġett jikkonsisiti f'festival li jinvolvi artisti żgħażagħ Għawdxin. Il-membri qablu ma dan;

10.4 Anne Connolly mill-Ageing Well Network f'Dublin. Il-Kunsill ġie invitat biex jiffirma d-*Dublin Declaration* 2013 fuq *Age Friendly Cities and Communities* għan-nom tal-Belt tagħna. Din bħala parti mill-attivitajiet li se jsiru fl-*EU Summit on Active and Healthy Ageing, An Action Agenda for European Cities and Communieties*, li se ssir bejn it-13 u l-14 ta' Ġunju 2013. Il-membri qablu ma dan u mas-Sindku għandu jkun hemm il-kunsillier Tabone;

10.5 l-Assocjazzjoni għall-Kunsill Lokali rigward kors li l-Aġenzija Programmi tal-Unjoni Ewropeja ser tagħmel bejn it-12 u l-14 t'April 2013 rigward il-*Youth in Action Projects*;

10.6 id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward l-iskema dwar inizjattivi ta' attivitajiet 2012-2013 fejn il-Kunsill se jingħata €7,000 għall-*Victoria Interntional Arts Festival*;

10.7 il-Perit A. Budnic għan-nom tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma rigward il-bdil tas-sistema tad-dranaġġ fi Triq San Ġorġ. Intbgħatet stima ta' €39,416.08 li jridu jintefqu sabiex isir dan ix-xogħol. Il-Kunsill irid ikun jaf eżatt x'se jħallas u x'inhi l-proċedura li ssir is-soltu. Il-Kunsill kien qabel li jerġa' jagħmel ix-xogħol ta' kisi mill-ġdid tal-wiċċ tat-triq. Filfatt diġa' ħareġ l-offerta u x-xogħol ġie assenjat lil Joseph Mercieca;

10.8 Laura Sant ta' 176, Triq Papa Ġwanni Pawlu II, li talbet *double yellow lines* fuq iż-żewġ naħħat tal-garaxxijeit tagħha minħabba li qed jipparkjaw il-vetturi quddiemhom. Il-membri qablu li jintalab il-permess tat-TM.

**11. Materji oħra**

11.1 Dwar it-*Torneo del Delta del Po*, s-Sindku ssuġġerixxa li billi fil-Kunsill preċedenti l-kunsillier Debrincat kien rappreżentant tal-isport, qed jipproponi li hu jitla' Goro mad-delegazzjoni tal-plejers tal-futbol under 13. Din id-delegazzjoni tikkonsisti f'27 plejer bit-tlett klabbs tal-futbol Rabtin. Il-membri qablu.

11.2 Is-Segretarju Eżekuttiv għarrfet lil-membri li mill-uffiċċju tal-President ta' Malta qed jintalab li ssir żjara uffiċċjali tal-President nhar il-Ħadd 2 ta' Ġunju 2013. Il-membri qablu ma dan.

11.3 Inġibdet l-attenzjoni li saru *double yellow lines* fi Triq 31 ta' Marzu quddiem id-dar 'Madonna ta' Pompei' u sinjali sofor quddiem garaxxijiet fi Triq San Duminku. Dawn ma sarux minn naħħa tal-Kunsill u lanqas bl-approvazzjoni tas-sidien tal-projeta'. Għandu jintlab lill-TM jekk hemmx permess għal dawn is-sinjali.

11.4 Is-Segretarju Eżekuttiv għarrfet lill-membri li saret *claim* ma l-assikurazzjoni tal-Kunsill rigward l-inċident ta' Debbie Theuma Scerri.

Il-membri qablu li:-

11.5 l-kuntrattur tad-dwal tat-toroq għandu jixgħel *floodlights* temporanji fi Pjazza Indipendenza. Dawn għandhjom jinxtgħelu mas-sistema tad-dawl tal-Enemalta;

11.6 jintalab lil TM sabiex isiru *rumble strips* fi Triq it-Tabib Anton Tabone quddiem Triq Ġużè' Ellul Mercer. Dan minħabba l-fatt li qed isiru diversi nċidenti tat-traffiku minn vetturi li jkunu ħerġin minn Triq Ġużè' Ellul Mercer;

11.7 wara li saru l-intervisti konċernati mal-iskema ta' Impjieg inklussiv fil-Komunita', Anabel Spiteri (karta tal-identita' 5884G) tiġi mpjegata mal-Kunsill fuq bażi *part time.*

11.8 għandu jiġi rappurtat lit-TM li fit-toroq Għajn Qatet u Arċisqof Pietu Paċe għad hemm kaxxi riservati għall-persuni b'diżabilita' li minn kien applika oriġinarjamnet għalihom, issa miet. Dawn għandhom jitneħħew;

1.9 jintalab lit-TM sabiex tinżebaħ *un/loading* wara l-monument ta' Kristu Re fi Pjazza Indipendenza. Din il-parti tat-triq diġa' hi *un-loading*, pero' ma jkunx xieraq li titpoġġa tabella eżatt wara l-monument;

11.10 wara rapport minn sid id-dar 'Ġonna' fi Triq iċ-Ċangar, il-Perit jivverifika jekk il-parti tat-triq ta' quddiem din id-dar hix qed tixxaqqaq. Dan qed jikkaġuna li l-ilma tax-xita jidħol fil-pedament ta' din il-propjeta'. Dan ix-xogħol kien sar minn Gatt Tarmac.

Il-laqgħa spiċċat fid-21.00 u laqgħa oħra ser issir fit-23 ta' April 2013.

| | |
|---|---|
| Av. Samuel Azzopardi | Miriam Attard |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |